MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Numru. 178/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v-**

**JASON JOHN GAUCI bin Mario u Giorgia nee' Vella, imwieled fit-tmienja w ghoxrin [28] ta' April, 1980 u residenti 'Watermill', Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 299696M**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JASON JOHN GAUCI** bin Mario u Giorgia nee' Vella, imwieled fit-tmienja w ghoxrin [28] ta' April, 1980 u residenti 'Watermill', Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru

299696M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar is-sitta ta’ April 2005 ghall-habta tas-sebgha w ghaxra ta’ filghodu go Santwarju tal-ghasafar, il-Qawra, Dwejra, Ghawdex, limiti ta’ San Lawrenz, Ghawdex:-

1. kellu fil-pussess tieghu jew that il-kontroll tieghu arma tan-nar tal-Marka Luigi Franchi, bin-numru T14290 u munizzjon.

2. Talli fl-istess gurnata u hin naqas li jobdi l-ordni legittima moghtija lilu mill-pulizija waqt il-qadi ta’ dmirijiethom.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tordna l-konfiska tal-arma u munizzjon esebit.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil PC 379 J. Sciberras, lil PS 1424 Mario Xiberras u lil Stanley Gatt bhala rappresentant tal-MEPA.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuzi jirrizultaw ippruvati fl-intier taghhom.

Ghalhekk wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 21(1)(c) tal-Avviz Legali numru 146 tas-sena 1993 u l-artikolu 338(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat JASON JOHN GAUCI hati tal-akkuzi kollha kif addebiti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ sebghin lira maltin.**

Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna l-konfiska tal-arma u munizzjon esebit, il-Qorti rat li l-arma esibita hija registrata f’isem John Muscat w ghalhekk mhux ser tordna l-konfiska taghha, pero qed tordna l-konfiska tal-munizzjon esibit fl-atti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------